# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 405/96**

**Numru 28**

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota tat-3 ta' April 1998 is-socjeta kummerjcali Maltacom p.l.c. qed tassumi l-atti tal-kawza.**

**vs**

**Mario Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' LM126.92,0 (mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) liema ammont jirrapresenta danni subiti mill-Korporazzjoni attrici sabiex tissewwa hsara f'cable tat-telefon taghha ossija fi tlett cables gewwa Triq il-Ghenba, Attard meta l-istess cables sfaw milquta mill-konvenut kawza ta' imprudenza, negligenza u

nuqqas ta' tharis tar-regolamenti waqt li l-konvenut kien qed jaghmel xoghol ta' thaffir fl-istess triq fis-7 ta' Marzu, 1994.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 1995 u bit-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut a fol 6 tal-atti li biha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskitta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontriha stante illi ghall-hsara msemmija fl-avviz huwa ma kellu l-ebda htija.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali in-nota a fol 33 u dak verbalizzat a fol 35 kif ukoll dak verbalizzat in konnessjoni mal-ewwel eccezzjoni a fol 17 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-kopja ta' rapport esebit mill-Ispettur Carmel Micallef (fol 13 sa 16 tal-atti) il-konvenut kien inkarigat sabiex jhaffer trinka fit-triq in kwistjoni kien laqat u ikkaguna hsara fi tlett "cables" appartenendi lis-socjeta' attrici. In rigward l-istess incident, pero', jidher li l-konvenut ma accettax li ghandu jhallas id-danni konsegwenzjali tal-istess incident stante li fil-fehma tieghu danni ma grawx minhabba "culpa" da parti tieghu. Skond Constantino Consiglio (fol 24 et seq ibid) f'Marzu tal-1994, il-konvenut kien informa ("irregistra") lis-socjeta' attrici li kien ser jaghmel xi xoghol fil-lokalita' in kwistjoni. Pero' f'dan il-kaz, mill-verifiki li x-xhud kien ghamel "ma jirrisultax li gew mibghuta xi nies" sabiex jaghmlu "l-marki opportuni" u b'hekk jigi indikat, b'mod car, li min jkun qed jhaffer, minn fejn jkunu ghaddejjin il-"cables" minn taht it-triq.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut jikkontendi wara li spjega l-procedura kollha li tintuza qabel ma jsir thaffir ta' toroq, li qabel ma nbeda x-xoghol ma kienux waslu fuq il-post rappresentanti tas-socjeta' attrici. Eventwalment, kien wasal dan ir-rappresentant bix-xoghol gja mibdi u bl-ebda "cable" milqut sadattant.

Hawnhekk l-istess rappresentant kien indika "fejn kien hemm il-"cable" ghaddej minn taht it-triq" billi u dan mhux permezz ta' marki izda b'indikazzjonijiet ta' certi distanzi. Skond il-konvenut "ahna konna mexjin fid-direzzjoni li tana l-istess rappresentant" izda xorta wahda, gie milqut il-"cable" in kwistjoni ghax nghid jien li kien il-barra mill-linja li ndikalna r-rappresentant tal-Telemalta" L-istess konvenut kompla jispjega kif issir riparazzjoni meta tinqata' "cable" tas-socjeta attrici permezz ta' gonta ossija "cable" zejjed li jkun barra mit-trinka tieghu". In rigward dan il-punt hu ssottolinea li "Fuq id-"drawing" tat-Telemalta ma jkunx hemm indikat il-"cable" zejjed ossija il-gonta" u fil-kaz in desamina "jien ilqatt dak il-"cable" z-zejjed li ma kienx fit-trinka" kif ukoll".... l-"loose" tal-"cable" ma kienx fuq in-naha ta' gewwa lejn il-hajt izda fuq in-naha ta' barra tat-triq u mhux fit-trinka".

Ikkunsidrat

Illi waqt li kien jispetta lis-socjeta' attrici sabiex tipprova li l-konvenut kien "imprudenti, negligenti u naqas milli jhares ir-regolamenti" kif jinghad fl-avviz in rigward liema allegazzjoni, il-provi huma pjuttost neqsin, ma hemm xejn, f'dan il-kaz, li jista' jindika li l-konvenut ma ghandux jitwemmen bil-mod li xehed kif hawn fuq premess.

Illi, konsegwentement, ma tistax tigi akkolta t-talba attrici fic-cirkostanzi u fid-dawl tal-provi, kif esposti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

Alan Calleja
Dep.Reg